SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

27 ta’ Marzu 2025*

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Trattament tal-ilma urban mormi – Direttiva 91/271/KEE – Artikoli 4, 5 u 10 – Tniġġis ta’ żoni sensittivi – Impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu Nuqqas ta’ eżekuzzjoni – Artikolu 260(2) TFUE – Sanzjonijiet pekunjarji – Pagament ta’ penalità – Somma f’daqqa”

Fil-Kawża C-515/23,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu skont l-Artikolu 260(2) TFUE, imressaq fil-10 ta’ Awwissu 2023,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn G. Gattinara u E. Sanfrutos Cano, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Taljana, irrappreżentata minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn M. Di Benedetto, M. Russo u F. Severi, avvocati dello Stato,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn A. Kumin, President tal-Awla, F. Biltgen (Relatur), President tal-Ewwel Awla, u I. Ziemele, Imħallef,

Avukat Ġenerali: T. Ćapeta,

Reġistratur: G. Chiapponi, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta’ Novembru 2024,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li taqta’ l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tikkonstata li, billi ma adottatx il-miżuri kollha meħtieġa għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-10 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-85/13, iktar 'il quddiem is-"sentenza C-85/13", EU:C:2014:251), ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE;

– tikkundanna lir-Repubblika Taljana tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penalità ta' kuljum fl-ammont ta' EUR 122 760, bi tnaqqis eventwali li jirriżulta mill-formula ta' digressività proposta, għal kull jum ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13, mill-jum tal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża sal-jum li fih tiġi eżegwita s-sentenza C-85/13;

– tikkundanna lir-Repubblika Taljana tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa ta' kuljum ta' EUR 13 640, bi tnaqqis eventwali li jirriżulta mill-formula ta' digressività proposta, għal ammont totali minimu ta' EUR 9 548 000, mid-data tal-għoti tas-sentenza C-85/13 sad-data tal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża jew sad-data tal-eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13, jekk din id-data ta' eżekuzzjoni tippreċedi d-data tal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża, u

– tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

Il-kuntest ġuridiku

2 L-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 26), kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 (ĠU 2008, L 311, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 91/271"), jipprevedi:

"Din id-Direttiva tikkonċerna l-ġbir, it-trattament u l-iskariki ta' ilma mormi urban u t-trattment u l-iskariki ta' ilma mormi minn ċertu setturi industrijali.

L-għan tad-Direttiva huwa li tipproteġi l-Ambjent minn effetti negattivi iskariki ta' ilma mormi hawn fuq imsemmija."

3 Skont l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva:

"Għall-għan ta' din id-Direttiva:

1. 'ilma mormi urban' tfisser ilma mormi domestiku jew taħlita ta' ilma mormi domestiku ma' ilma mormi industrijali u/jew ilma tax-xita;

2. 'ilma mormi domestiku' ifisser ilma mormi minn żoni residenzjali u servizzi li joriġinaw l-aktar mill-metaboliżmu uman u minn attivitajiet domestiċi;

[…]

4. 'agglomerazzjoni' tfsser żona fejn il-popolazzjoni u/jew l-attivitajiet ekonomiċi jkunu konċentrati b'mod suffiċjenti sabiex l-ilma mormi urban ikun jista jinġabar u jittieħed f'impjant ta' trattament ta' l-ilma mormi urban jew għall-punt ta' skarikar finali;

5. ‘sistema ta’ ġbir’ tfisser sistema ta’ pajpijiet li tiġbor u tmexxi l-ilma mormi urban;

6. ‘1 e.p. (ekwivalenti ta’ popolazzjoni)’ tfisser it-toqol organiku biodegradabbli li jkollu domanda għall-ossiġenu bio-kemikali ta’ ħamest ijiem (BOD5) ta’ 60 g ta’ ossiġnu kuljum;

[…]

8. ‘trattament sekondarju’ ifisser trattament ta’ ilma mormi urban bi proċessi li jinvolvu ġeneralment trattament bioloġiku bi tqegħid sekondarju, jew proċessi oħra li fihom il-kriterji stabbiliti fit-Tabella 1 ta’ l-Anness I huma rispettati;

9. ‘trattament xieraq’ ifisser trattament ta’ ilma mormi urban bi kwalunkwe proċess u/jew sistema ta’ disponiment li wara l-iskarikar jippermetti li l-ilmijiet riċeventi jilħqu l-għanijiet ta’ kwalità u d-dispożizzjonijiet relevanti ta’ din u ta’ Direttivi oħra tal-Komunità;

[…]”

4 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-agglomerazzjonijiet kollha jkunu pprovduti b’sistemi ta’ ġbir għall-ilma mormi urban,

– sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2000 għal dawk li jkollhom popolazzjoni ekwivalenti (e.p.) ta’ aktar minn 15 000 ruħ,

u

– sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2005 għal dawk li jkollhom e.p. ta’ bejn l-2 000 u il-15 000 ruħ.

Għall-ilma mormi urban li jispiċċa f’ilmijiet li jilqgħu dan id-drenaġġ u li huma kkunsidrati bħala ‘żoni sensittivi’ kif mfisser taħt l-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sistemi ta’ ġbir ikunu disponibbli sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 1998 għall-agglomerazzjonijiet ta’ aktar minn 10 000 e.p.

Fejn it-twaqqif ta’ sistemi ta’ ġbir ma jkunx iġġustifikat jew għaliex dan ma jkun jipprovdi l-ebda benefiċċju ambjentali jew għaliex ikun jinvolvi spiża eċċessiva, għandhom jintużaw sistemi individwali jew sistemi adatti oħra li jkunu jilħqu l-istess livell ta’ protezzjoni ambjentali.

2. Sistemi ta’ ġbir deskritti fil-paragrafu 1 għandhom jilħqu l-kriterji ta’ l-Anness I (A). […]”

5 L-Artikolu 4 tal-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilma mormi urban li jidħol f’sistemi ta’ ġbir għandu ma jkun skarikat ikun suġġett għal trattament sekondarju jew trattament ekwivalenti ieħor kif ġej:

– sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2000 għall-skariki kollha minn agglomerazzjoni ta’ aktar minn 15 000 e.p.,

– sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 għall-skariki kollha minn agglomerazzjoni ta' bejnl-10 000 u l-15 000 e.p.,

– sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 għal skariki li jispiċċaw f'ilma ħelu u estwarji minn agglomerazzjonijiet ta' bejn l-2 000 u l-10 000 e.p.

[…]

3. L-iskariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban deskritti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jilħqu l-kriterji rilevanti ta' l-Anness I. B. […]

[…]"

6 L-Artikolu 5(1) u (5) tad-Direttiva 91/271 jipprovdi li:

"1. Għall-għanijiet tal-paragrafu 2, l-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 1993 għandhom jidentifikaw żoni sensittivi skond il-kriterji stabbiliti fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilma mormi urban li jidħol f'sistemi ta' ġbir ikun, qabel ma jippermettu l-iskarikar tiegħu f'żoni sensittivi, soġġett għal trattament iktar strett minn dak deskritt fl-Artikolu 4, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1998 għall-skariki kollha minn agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 10 000 e.p.

3. L-iskariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban deskritti fil-paragrafu 2 għandhom jilħqu l-kriterji rilevanti ta' l-Anness I B. […]

4. Alternattivament, kriterji għall-impjanti individwali stabbiliti fil-paragrafi 2u 3 hawn fuq m'għandhomx għalfejn ikunu applikabbli f'żoni sensittivi fejn jista' jintwera li l-persentaġġ minimu ta' tnaqqis tat-toqol ġenerali li jidħol fl-impjanti tat-trattament ta' l-ilma mormi kollha f'dik iż-żona jkun minn ta' lanqas 75 % għall-fosfru totali u minn ta lanqas 75 % għan-nitroġenu totali.

5. Skariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban li jkunu jinsabu fiz-żoni li fihom jinġabar l-ilma relevanti ta' żoni sensittivi u li jikkontribwixxu għat-tniġġis ta' dawn iż-żoni għandhom ikunu soġġetti għall-paragrafi 2, 3 u 4.

[…]"

7 Skont l-Artikolu 10 ta' din id-direttiva:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban mibnija biex iħarsu l-kriterji ta' l-Artikoli 4, 5, 6 u 7 ikunu ppjanati, mibnija, mħaddma u miżmuma biex jiżguraw operat suffiċjenti taħt il-kondizzjonijiet klimatiċi normali kollha. Meta dawn l-impjanti jkunu qed jiġu mfassla, għandhom jiġu kkunsidrati varjazzjonijiet tat-toqol skond l-istaġuni tas-sena".

8 L-Anness I tal-imsemmija direttiva, bit-titolu "Rekwiżiti għall-Ilma Mormi Urban", huwa fformulat kif ġej:

"A. Sistemi ta' ġbir […]

Is-sistemi ta' ġbir għandhom jikkunsidraw il-kriterji tat-trattament ta' l-ilma mormi.

Id-disinn, il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tas-sistemi ta' ġbir għandhom isru skond l-aħjar għarfien tekniku li ma jkunx jinvolvi spejjeż eċċessivi, partikolarment dwar:

– il-volum u l-karatteristi ta' l-ilma mormi urban,

– prevenzjoni ta' tnixxijiet,

– limitazzjoni ta' tniġġis fl-ilmijiet minħabba tifwir ta' ilma tax-xita.

B. Skarikar minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi għall-ilmijiet li riċeventi […]

1. Impjanti tat-trattament ta' l-ilma mormi għandhom ikunu ppjanati u modifikati biex kampjun rappreżentattiv ta' l-ilma mormi li jkun dieħel u l-effluwent ittrattat ikun jista' jinkiseb qabel ma dan jintrema fl-ilmijiet riċeventi.

2. Skariki minn impjant tat-trattment ta' l-ilma mormi urban soġġetti għat-trattament skond l-Artikoli 4 u 5 għandhom jilħqu l-kondizzjonijiet murija fit-Tabella 1.

3. Skariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban għal ġo dawk iż-żoni sensittivi li huma soġġetti għal ewtrofikazzjoni, kif identifikati fl-Anness II. A (a), għandhom jilħqu wkoll il-kriterji murija fit-Tabella 2 ta' dan l-Anness.

4. Kriterji aktar stretti minn dawk murija fit-Tabella 1 u/jew Tabella 2 għandhom ikunu applikati fejn huwa meħtieġ li jkun żgurat li l-ilmijiet ri1eventi jissodisfaw kwalunkwe Direttiva relevanti oħra.

5. Il-punti ta' skarikar ta' l-ilma mormi urban għandhom ikunu magħżula, kemm jista' jkun possibbli, biex jitnaqqsu l-effetti fuq l-ilmijiet riċeventi.

[…]"

Il-Kawża C-85/13

9 Permezz tas-sentenza C-85/13, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi ma adottatx id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex tiżgura li:

– l-agglomerazzjonijiet ta' Melegnano, ta' Mortara, ta' Olona Nord, ta' Olona Sud, ta' Robecco sul Naviglio, ta' San Giuliano Milanese Est, ta' Trezzano sul Naviglio u ta' Vigevano (Lombardia), li l-popolazzjoni ekwivalenti tagħhom hija ta' iktar minn 10 000 u li jarmu ilma urban mormi f'ilmijiet riċeventi kkunsidrati bħala "żoni sensittivi" fis-sens tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 91/271, ikunu pprovduti b'sistemi ta' ġbir għall-ilma urban mormi, skont l-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva;

– fl-agglomerazzjonijiet ta' Pescasseroli (Abruzzo), ta' Cormons, ta' Gradisca d'Isonzo, ta' Grado (Friuli-Venezia-Giulia), ta' Broni, ta' Calco, ta' Casteggio, ta' Melegnano, ta' Mortara, ta' Orzinuovi, ta' Rozzano, ta' Trezzano sul Naviglio, ta' Valle San Martino, ta' Vigevano (Lombardia), ta' Pesaro, ta' Urbino (Marche), ta' Alta Val Susa (Piemonte), ta' Nuoro (Sardegna), ta' Castellammare del Golfo I, ta' Cinisi, ta' Terrasini (Sicilia), ta' Courmayeur (Valle d'Aosta) u ta' Thiene (Veneto), li l-popolazzjoni ekwivalenti tagħhom hija ta' iktar

minn 10 000, l-ilma urban mormi li jidħol f'sistemi ta' ġbir ikun issuġġettat, qabel ma jintrema, għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti, skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271;

– fl-agglomerazzjonijiet ta' Pescasseroli (Abruzzo), Aviano Capoluogo, ta' Cividale del Friuli, ta' Codroipo/Sedegliano/Flaibano, ta' Cormons, ta' Gradisca d'Isonzo, ta' Grado, ta' Latisana Capoluogo, ta' Pordenone/Porcia/Roveredo/Cordenons, ta' Sacile, ta' Udine (Friuli-Venezia-Giulia), ta' Frosinone (Lazio), ta' Francavilla Fontana, ta' Trinitapoli (Puglia), ta' Dorgali, ta' Nuoro, ta' ZIR Villacidro (Sardegna) kif ukoll ta' Castellammare del Golfo I, ta' Cinisi, ta' Partinico, ta' Terrasini u ta' Trappeto (Sicilia), li l-popolazzjoni ekwivalenti tagħhom hija ta' iktar minn 10 000 u li jarmu f'ilmijiet riċeventi kkunsidrati bħala "żoni sensittivi" fis-sens tad-Direttiva 91/271, l-ilma urban mormi li jidħol f'sistemi ta' ġbir ikun issuġġettat, qabel ma jintrema, għal trattament iktar rigoruż minn trattament sekondarju jew trattament ekwivalenti, skont l-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva, u

– l-impjanti ta' trattament ta' ilma urban mormi mibnija biex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikoli 4 sa 7 tad-Direttiva 91/271, ikunu ppjanati, mibnija, imħaddma u miżmuma b'mod li jiżguraw operat suffiċjenti taħt il-kundizzjonijiet klimatiċi normali kollha tal-post fejn jinsabu u sabiex l-impjanti ta' trattament ikunu ppjanati b'mod li jittieħdu inkunsiderazzjoni varjazzjonijiet tat-tagħbija skont l-istaġuni fl-agglomerazzjonijiet ta' Pescasseroli (Abruzzo), ta' Aviano Capoluogo, ta' Cividale del Friuli, ta' Codroipo/Sedegliano/Flaibano, ta' Cormons, ta' Gradisca d'Isonzo, ta' Grado, ta' Latisana Capoluogo, ta' Pordenone/Porcia/Roveredo/Cordenons, ta' Sacile, ta' Udine (Friuli-Venezia-Giulia), ta' Frosinone (Lazio), ta' Broni, ta' Calco, ta' Casteggio, ta' Melegnano, ta' Mortara, ta' Orzinuovi, ta' Rozzano, ta' Trezzano sul Naviglio, ta' Valle San Martino, ta' Vigevano (Lombardia), ta' Pesaro, ta' Urbino (Marche), ta' Alta Val Susa (Piemonte), ta' Francavilla Fontana, ta' Trinitapoli (Puglia), ta' Dorgali, ta' Nuoro, ta' ZIR Villacidro (Sardegna), ta' Castellammare del Golfo I, ta' Cinisi, ta' Partinico, ta' Terrasini, ta' Trappeto (Sicilia), ta' Courmayeur (Valle d'Aosta) u ta' Thiene (Veneto),

ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 3 u/jew l-Artikolu 4 u/jew l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 10 tad-Direttiva 91/271.

Il-proċedura prekontenzjuża u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

10 Sabiex tivverifika l-eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13, il-Kummissjoni talbet lir-Repubblika Taljana, permezz ta' ittra tat-12 ta' Mejju 2014, informazzjoni dwar il-miżuri meħuda għal dan l-għan. Fil-15 ta' Jannar u fil-15 ta' Ottubru 2015 kif ukoll fil-31 ta' Jannar 2017, din l-istituzzjoni stiednet lil dan l-Istat Membru jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar il-progress imwettaq fil-qasam tat-tqegħid f'konformità tal-agglomerazzjonijiet koperti mill-imsemmija sentenza magħha u ppreżentat l-evalwazzjoni tagħha stess tas-sitwazzjoni tal-agglomerazzjonijiet iddikjarati konformi mill-awtoritajiet Taljani.

11 Permezz ta' ittri tal-15 u tal-25 ta' Lulju 2014, tal-20 ta' Frar, tad-19 ta' Marzu, tat-22 ta' Settembru u tat-23 ta' Novembru 2015, tat-2 ta' Marzu, tat-23 ta' Settembru u tat-30 ta' Settembru 2016, tat-12 ta' Jannar, tas-27 ta' Frar, tal-24 ta' Mejju u tas-27 ta' Lulju 2017 kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2018, ir-Repubblika Taljana pprovdiet lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-miżuri adottati u l-implementazzjoni tagħhom.

12 Peress li qieset li r-Repubblika Taljana kienet ikkonformat ruħha biss parzjalment mas-sentenza C-85/13, il-Kummissjoni bagħtitilha, fit-18 ta' Mejju 2018, ittra ta' intimazzjoni skont l-Artikolu 260(2) TFUE, dwar erbatax mill-agglomerazzjonijiet imsemmija f'din is-sentenza li kienu għadhom ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tad-Direttiva 91/271, u stiednet lil dan l-Istat Membru jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu f'terminu ta' xahrejn minn meta jirċievi din l-ittra.

13 Ir-Repubblika Taljana wieġbet għall-ittra ta' intimazzjoni permezz ta' ittra tat-12 ta' Lulju 2018. Sussegwentement, dan l-Istat Membru bagħat lill-Kummissjoni diversi komunikazzjonijiet u noti li jinkludu, b'mod partikolari, aġġornamenti ta' kull sitt xhur tal-istat ta' eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13.

14 Peress li kkunsidrat, fid-dawl tal-elementi pprovduti, li r-Repubblika Taljana kienet għadha ma eżegwietx kompletament is-sentenza C-85/13, fid-dawl tas-sitwazzjoni persistenti ta' nuqqas ta' konformità ma' din is-sentenza ta' ħames agglomerazzjonijiet imsemmija minnha, jiġifieri Castellammare del Golfo I, Cinisi, Terrasini, Trappeto (Sicilia) u Courmayeur (Valle d'Aosta), disa' snin wara l-għoti tal-imsemmija sentenza u iktar minn għoxrin sena wara l-iskadenza tat-termini ta' konformità previsti fl-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 91/271, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

Fuq ir-rikors

Fuq in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu

L-argumenti tal-partijiet

15 Il-Kummissjoni takkuża lir-Repubblika Taljana li ma ħaditx il-miżuri kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza C-85/13, peress li, fl-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-ittra ta' intimazzjoni, jiġifieri t-18 ta' Lulju 2018, iżda wkoll fit-30 ta' Ġunju 2023, data tal-aħħar aġġornament tal-istat ta' eżekuzzjoni ta' din is-sentenza li dan l-Istat Membru bagħat lil din l-istituzzjoni, fil-ħames agglomerazzjonijiet imsemmija f'dan ir-rikors, jiġifieri Castellammare del Golfo I, Cinisi, Terrasini, Trappeto (Sicilia) u Courmayeur (Valle d'Aosta), peress li l-popolazzjoni ekwivalenti tagħhom hija ta' iktar minn 10 000, l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4, 5 u 10 tad-Direttiva 91/271 kienu għadhom ma ġewx osservati.

16 Il-Kummissjoni ssostni, fl-ewwel lok, li mill-evalwazzjoni tat-tweġibiet pprovduti mir-Repubblika Taljana għall-ittra ta' intimazzjoni jirriżulta li dan l-Istat Membru kien għadu ma ħax, fid-data rilevanti għall-finijiet ta' din il-proċedura, jiġifieri t-18 ta' Lulju 2018, il-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżgura li, f'erbgħa mill-ħames agglomerazzjonijiet imsemmija f'dan ir-rikors, jiġifieri Castellammare del Golfo I, Cinisi, Terrasini u Courmayeur, li l-popolazzjoni ekwivalenti tagħhom hija ta' iktar minn 10 000, l-ilma urban mormi li jidħol fis-sistemi ta' ġbir huwa suġġett, qabel ma jintrema, għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti, skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 91/271. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani ammettew matul il-proċedura pre-kontenzjuża l-persistenza tal-ksur ta' dan l-artikolu.

17 Il-Kummissjoni ssostni, fit-tieni lok, fid-dawl tat-tweġibiet mogħtija mir-Repubblika Taljana għall-ittra ta' intimazzjoni, li dan l-Istat Membru kien għadu ma ħax, fid-data msemmija fil-punt preċedenti, il-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżgura li, f'erbgħa mill-ħames agglomerazzjonijiet imsemmija f'dan ir-rikors, jiġifieri, Castellammare del Golfo I, Cinisi, Terrasini u Trappeto, li

l-popolazzjoni ekwivalenti tagħhom hija ta' iktar minn 10 000 u li jiżbokkaw l-iskariki tagħhom f'ilmijiet riċeventi kklassifikati bħala "żoni sensittivi", l-ilma urban mormi li jidħol fis-sistemi ta' ġbir ikun suġġett, qabel ma jiġi skarikat, għal trattament iktar strett minn trattament sekondarju jew ekwivalenti, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271.

18 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-agglomerazzjoni ta' Trappeto, il-Kummissjoni tippreċiża li mit-tweġibiet tar-Repubblika Taljana għall-ittra ta' intimazzjoni u mill-aġġornamenti ppreżentati minn dan l-Istat Membru dwar l-istat ta' eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13 jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' din l-agglomerazzjoni, fid-data rilevanti għall-finijiet ta' din il-proċedura, jiġifieri t-18 ta' Lulju 2018, kienet għadha ma hijiex konformi mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271, li l-awtoritajiet Taljani kienu jaqblu dwar dan wkoll fl-aħħar aġġornament ikkomunikat fit-30 ta' Ġunju 2023.

19 Il-Kummissjoni tosserva, f'dan il-kuntest, li l-awtoritajiet Taljani ddikjaraw, fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża relatata ma' din il-kawża, tagħbija ta' 7 783 popolazzjoni ekwivalenti ġġenerata mill-agglomerazzjoni ta' Trappeto, inqas minn dak li kienu ddikjaraw preċedentement fit-tweġiba tagħhom għall-opinjoni motivata skont l-Artikolu 258 TFUE u li l-Qorti tal-Ġustizzja adottat fis-sentenza C-85/13. Madankollu, huma ma pprovdewx motivazzjoni ċara u preċiża, sostnuta minn elementi konkreti li juru t-tnaqqis tat-tagħbija. F'dan ir-rigward, id-data prodotta mir-Repubblika Taljana fl-anness tar-risposta tagħha insostenn tal-eżistenza ta' tagħbija ta' 8 910 popolazzjoni ekwivalenti ġġenerata minn din l-agglomerazzjoni ma tistax timla l-assenza ta' provi għall-passat, iżda tista' biss tidħol fis-seħħ mid-data li fiha din ġiet prodotta, jiġifieri t-18 ta' Ottubru 2023.

20 Barra minn hekk, peress li l-ilma mormi tal-agglomerazzjoni ta' Trappeto huwa skarikat f'żona sensittiva li għandha frekwentazzjoni turistika importanti u peress li jeżisti dubju dwar l-interpretazzjoni tad-data pprovduta mill-awtoritajiet Taljani, l-Kummissjoni tipproponi li tipprivileġġa qari ta' din id-data fis-sens li din l-agglomerazzjoni tibqa' suġġetta għall-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271. Fil-fatt, tali interpretazzjoni hija l-unika waħda konformi mal-għan ta' din id-direttiva, li huwa intiż li jipproteġi l-ambjent kontra ħsara kkawżata mill-iskariki tal-ilma mormi.

21 II-Kummissjoni tfakkar, fit-tielet lok, li ksur tal-Artikolu 4 jew tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271 jimplika neċessarjament ksur tal-Artikolu 10 tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Sistemi ta' ġbir tal-ilma mormi f'ċerti żoni), C-668/19, EU:C:2021:815, punti 94 sa 96). Issa, fid-dawl tar-risposti mogħtija mir-Repubblika Taljana għall-ittra ta' intimazzjoni u fid-dawl tal-persistenza tal-ksur, minn dan l-Istat Membru, tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4 u 5 ta' din id-direttiva, għandu jiġi kkonstatat li l-imsemmi Stat Membru kien għadu ma ħax, fid-data rilevanti għall-finijiet ta' din il-proċedura, jiġifieri t-18 ta' Lulju 2018, il-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżgura li, fil-ħames agglomerazzjonijiet imsemmija f'dan ir-rikors, jiġifieri f'Castellammare del Golfo I, f'Cinisi, Terrasini, f'Trappeto u f'Courmayeur, l-impjanti ta' trattament tal-ilma urban mormi mibnija sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 4 sa 7 tal-imsemmija direttiva jkunu ddisinjati, mibnija, operati u miżmuma b'mod li jiggarantixxu prestazzjonijiet suffiċjenti fil-kundizzjonijiet klimatiċi normali tal-post fejn jinsabu u sabiex l-impjanti ta' trattament ikunu maħsuba b'mod li jieħdu inkunsiderazzjoni l-varjazzjonijiet staġjonali tat-tagħbija, kif jeżiġi l-Artikolu 10 tal-istess direttiva.

22 Minn dan il-Kummissjoni tikkonkludi li r-Repubblika Taljana ma kkonformatx ruħha b'mod sħiħ mas-sentenza C-85/13, u, għaldaqstant, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(2) TFUE.

23 Ir-Repubblika Taljana, mingħajr ma tikkontesta s-sitwazzjoni fattwali deskritta fir-rikors tal-Kummissjoni, tirreferi, fl-ewwel lok, għall-interventi neċessarji sabiex l-agglomerazzjonijiet ta' Castellammare del Golfo I, ta' Cinisi u ta' Terrasini jkunu konformi mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4, 5 u 10 tad-Direttiva 91/271. Dawn l-interventi jikkonsistu, minn naħa, f'li l-agglomerazzjoni ta' Castellammare del Golfo I tiġi mgħammra b'impjant ġdid ta' trattament ta' taħt l-art kif ukoll, min-naħa l-oħra, fl-adattament u t-tisħiħ tal-impjant ta' trattament konġunt ta' Contrada Ciachea f'Carini, għall-finijiet tat-trattament tal-ilma mormi tal-agglomerazzjonijiet ta' Cinisi u ta' Terrasini. L-iskeda għat-tlestija tal-miżuri neċessarji għal dan l-għan, ippreżentat fir-risposta, jipprevedi t-tqegħid f'konformità tas-sitwazzjoni tal-agglomerazzjoni ta' Castellammare del Golfo I ma' din id-direttiva fix-xahar ta' Lulju 2027 kif ukoll dik tas-sitwazzjoni tal-agglomerazzjonijiet ta' Cinisi u ta' Terrasini fix-xahar ta' Marzu 2027.

24 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-agglomerazzjoni ta' Trappeto, ir-Repubblika Taljana teċċepixxi l-inammissibbiltà tal-ilment ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271, minħabba varjazzjonijiet fit-tagħbija li seħħew wara d-data tal-għoti tas-sentenza C-85/13.

25 Ir-Repubblika Taljana tirrileva, f'dan ir-rigward, li s-sentenza C-85/13 u l-ittra ta' intimazzjoni tat-18 ta' Mejju 2018 kienu jikkonċernaw biss l-agglomerazzjonijiet li l-popolazzjoni ekwivalenti tagħhom kienet ta' iktar minn 10 000, u għalhekk li din il-kawża hija, hija wkoll, limitata għal dawn l-agglomerazzjonijiet. Għalkemm, fil-kuntest tal-proċedura għall-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, l-awtoritajiet Taljani kkomunikaw lill-Kummissjoni tagħbija ġġenerata ta' iktar minn 10 000 popolazzjoni ekwivalenti għall-agglomerazzjoni ta' Trappeto, ir-rapport tal-Assemblea Territoriale Idrica (l-Assemblea Territorjali tal-Ilma, l-Italja), mehmuż mar-risposta, iżomm tagħbija ġġenerata ta' 8 910 popolazzjoni ekwivalenti għal din l-agglomerazzjoni, ikkalkolat skont metodu li jikkonsisti fl-esklużjoni tal-kontribuzzjoni tad-djar imsejħa "mifruxa" u tan-"nukleji iżolati" mill-kalkolu tat-tagħbija ġġenerata mill-imsemmija agglomerazzjoni. Minn dan isegwi li l-istess agglomerazzjoni, li t-tagħbija ġġenerata reali tagħha hija inqas minn 10 000 popolazzjoni ekwivalenti, ma hijiex iktar suġġetta għall-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva 91/271 injorati mill-allegati nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligi.

26 Ir-Repubblika Taljana żżid li x-xogħlijiet sabiex l-agglomerazzjoni ta' Trappeto tiġi mgħammra b'impjant ta' trattament ta' ilma mormi adattat sabiex jiggarantixxi l-osservanza tal-valuri limitu ta' emissjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 91/271 tlestew u li t-testijiet statiċi u tekniċi-funzjonali kienu qegħdin jitwettqu fid-data tal-preżentata tar-risposta tagħha Dan l-Istat Membru jehmeż ma' din ir-risposta analiżijiet ta' kampjuni meħuda kull sitt xhur imwettqa bejn ix-xahar ta' April u x-xahar ta' Settembru 2023 bħala prova tal-funzjonament tajjeb ta' dan l-impjant ta' trattament.

27 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-agglomerazzjoni ta' Courmayeur, ir-Repubblika Taljana tippreċiża li din għandha titqies li hija konformi "minn perspettiva fiżika" mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4 u 10 tad-Direttiva 91/271 sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023. Barra minn hekk, dan l-Istat Membru jirreferi għad-data li huwa diġà kkomunika lill-Kummissjoni, fil-31 ta' Lulju 2020, fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża u għad-data l-ġdida li tinsab fir-risposta tiegħu sabiex juri li n-nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 4 ta' din id-direttiva ma jirrigwardax it-totalità tat-tagħbija ġġenerata mill-imsemmija agglomerazzjoni, jiġifieri 60 000 popolazzjoni ekwivalenti, iżda biss fuq 37 200 popolazzjoni ekwivalenti, peress li t-22 800 popolazzjoni ekwivalenti li jifdal huma diġà ttrattati korrettament mill-impjant ta' trattament ta' La Salle, muniċipalità li tagħmel parti mill-agglomerazzjoni ta' Courmayeur. L-imsemmi Stat Membru jżid li, fi tmiem ix-xogħlijiet ta' twettiq tal-partijiet tad-dranaġġ intiżi għat-trasport

tal-ilma mormi skarikat mill-muniċipalità ta' Courmayeur lejn l-impjant ta' trattament ta' La Salle, huwa għandu wkoll jibgħat lill-Kummissjoni ċ-ċertifikati li jiċċertifikaw it-tlestija tax-xogħlijiet u l-analiżi tal-iskariki, sabiex juri l-funzjonament tajjeb ta' dan l-impjant.

28 Il-Kummissjoni tqis, fir-replika tagħha, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Courmayeur, li, l-ewwel nett, id-data kkomunikata mir-Repubblika Taljana fir-risposta tagħha ma hijiex suffiċjentement affidabbli, fid-dawl tal-marġni ta' żball li għandha, it-tieni nett, din id-data ma tistax tinfluwenza l-formula ta' tnaqqis proposta għall-kalkolu tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum, peress li hija l-konformità tal-agglomerazzjoni kollha kemm hi li hija rilevanti għal dan l-għan, u, it-tielet nett, l-awtoritajiet Taljani jirrikonoxxu, huma stess, li din hija data ta' natura varjabbli u mhux definittiva.

29 Ir-Repubblika Taljana tirrileva, fil-kontroreplika tagħha, li ġew adottati miżuri ġodda sabiex titħaffef l-eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13. Dan l-Istat Membru jirreferi, f'dan ir-rigward, għad-Digriet-Liġi Nru 181, tad-9 ta' Diċembru 2023, ikkonvertit bil-Liġi Nru 11, tat-2 ta' Frar 2024 (GURI Nru 31, tas-7 ta' Frar 2024), li tikkompleta l-kompetenzi tal-kummissarju uniku, responsabbli għal din l-eżekuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-interventi fil-qasam tal-ilma urban mormi. Id-dispożizzjonijiet adottati b'dan il-mod jagħtu risposta preċiża għall-ostakoli prinċipali li ltaqa' magħhom il-kummissarju uniku, li dewmu l-eżekuzzjoni ta' dawn l-interventi.

30 L-imsemmi Stat Membru jipprovdi, barra minn hekk, indikazzjonijiet supplimentari dwar l-iżvilupp previst fis-sitwazzjoni tal-ħames agglomerazzjonijiet imsemmija fir-rikors tal-Kummissjoni.

31 L-ewwel nett, sabiex jagħti spinta u jħaffef it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet neċessarji għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13, il-kummissarju uniku applika miżuri ta' aċċellerazzjoni għall-kuntratti pubbliċi li għadhom ma ngħatawx, li kellhom jippermettu, minn naħa, li l-Castellammare del Golfo I tintlaħaq f'konformità mad-Direttiva 91/271 fix-xahar ta' Diċembru 2026 u, min-naħa l-oħra, li jsir progress b'madwar sitt xhur fit-tlestija tax-xogħlijiet ippjanati għal Cinisi u Terrasini.

32 It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda l-agglomerazzjoni ta' Trappeto, ix-xogħlijiet ta' adattament u ta' tisħiħ tal-impjant ta' trattament tagħha mwettqa sabiex jiġi rrimedjat il-ksur tad-dritt tal-Unjoni tlestew u l-ġestjoni tal-impjant ta' trattament ngħatat, fit-22 ta' Diċembru 2023, lil AMAP SpA, ġestjonarja tas-servizz tal-ilma integrat tal-Ambito Territoriale Ottimale (iktar 'il quddiem l-"ATO") di Palermo (Żona Territorjali Ottimali ta' Palermo, l-Italja). Ir-Repubblika Taljana tippreżenta, fil-kontroreplika tagħha, r-riżultati tar-rapporti ta' testijiet magħmula lill-impjant ta' trattament ta' Trappeto matul il-perijodu ta' bejn it-23 ta' Ġunju u l-15 ta' Diċembru 2023, li minnhom jirriżulta li dan l-impjant ta' trattament issa jiggarantixxi l-osservanza tal-limiti ta' emissjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 91/271 għall-iskariku tal-ilma urban mormi f'ilmijiet riċeventi kkunsidrati bħala żoni sensittivi.

33 It-tielet nett, fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Courmayeur, ix-xogħlijiet ta' ġbir u ta' konnessjoni ta' din l-agglomerazzjoni tlestew fix-xahar ta' Diċembru 2023, li jippermettu li tiġi kkompletata s-sistema ta' ġbir ta' din l-agglomerazzjoni. Skont l-analiżi mwettqa fix-xahar ta' Jannar 2024, annessi mal-kontroreplika, l-impjant ta' trattament tal-imsemmija agglomerazzjoni, li issa jirċievi l-ilma mormi kollu tagħha, irriżulta effikaċi fit-trattament tal-ilma li joriġina mill-aħħar pajpijiet konnessi u josserva l-limiti ta' emissjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 91/271 għall-iskariku tal-ilma urban mormi fiż-żoni sensittivi. Konsegwentement, l-agglomerazzjoni ta' Courmayeur hija konformi ma' din id-direttiva, mhux biss mill-perspettiva fiżika, mat-tlestija u

mal-konnessjoni tas-sistemi ta' ġbir mal-impjant ta' trattament ta' La Salle, iżda wkoll mill-perspettiva funzjonali u tal-effikaċja tat-trattament. Konsegwentement, din l-agglomerazzjoni għandha tiġi eskluża mis-suġġett tar-rikors.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

34 Skont l-Artikolu 260(2) TFUE, jekk il-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ikkonċernat ma adottax il-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija tista' tadixxi lil din tal-aħħar, wara li tkun tat lil dan l-Istat Membru l-opportunità li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu, filwaqt li tindika l-ammont tas-somma f'daqqa jew tal-pagamenti ta' penalità li għandhom jitħallsu minn dan l-Istat Membru li hija tqis adatti għaċ-ċirkustanzi.

35 F'dan il-każ, sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-Repubblika Taljana adottatx il-miżuri kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza C-85/13, għandu jiġi vverifikat jekk din tal-aħħar osservatx b'mod sħiħ l-Artikoli 4 u/jew 5 kif ukoll 10 tad-Direttiva 91/271.

36 Barra minn hekk, fir-rigward tal-proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 260(2) TFUE, id-data ta' riferiment sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' tali nuqqas ta' twettaq ta' obbligu hija dik ta' meta jiskadi t-terminu stabbilit fl-ittra ta' intimazzjoni maħruġa skont din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' Applikanti għal Protezzjoni Internazzjonali II), C-123/22, EU:C:2024:493, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 F'dan il-każ, peress li l-Kummissjoni bagħtet l-ittra ta' intimazzjoni fit-18 ta' Mejju 2018, id-data ta' riferiment sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tal-imsemmi nuqqas ta' twettaq ta' obbligu fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza hija dik tal-iskadenza tat-terminu stabbilit f'din l-ittra, jiġifieri t-18 ta' Lulju 2018.

38 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-agglomerazzjonijiet ta' Castellammare del Golfo I, ta' Cinisi u ta' Terrasini, ir-Repubblika Taljana tirrikonoxxi l-persistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikoli 4, 5 u 10 tad-Direttiva 91/271. Għalhekk, fit-tweġibiet tiegħu għall-ittra ta' intimazzjoni u fin-noti tiegħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-Istat Membru indika li x-xogħlijiet ta' infrastruttura neċessarji sabiex dawn l-agglomerazzjonijiet jiġu mgħammra b'sistemi ta' ġbir u ta' trattament tal-ilma urban mormi konformi mal-obbligi li jirriżultaw minn dawn l-artikoli kienu għadhom iridu jitwettqu fit-18 ta' Lulju 2018. Skont l-aħħar elementi ppreżentati minn dan l-Istat Membru fil-kontroreplika tiegħu, il-konformità ta' dawn it-tliet agglomerazzjonijiet għandha titlesta qabel tmiem is-sena 2026.

39 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-agglomerazzjoni ta' Trappeto, l-argument tar-Repubblika Taljana dwar l-inammissibbiltà tal-ilment ibbażat fuq il-persistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu f'dak li jirrigwarda l-ksur tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271, minħabba li għal din l-agglomerazzjoni kellha tinżamm tagħbija ta' inqas minn 10 000 popolazzjoni ekwivalenti, li kien jeżentaha mill-obbligu li tosserva r-rekwiżiti previsti f'dan l-artikolu, ma jistax jintlaqa'.

40 Fil-fatt, il-fatt li Stat Membru jiġi permess, fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 260(2) TFUE, jinvoka, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, għall-ewwel darba, bidla fil-metodu ta' kalkolu tat-tagħbija ġġenerata minn agglomerazzjoni msemmija fis-sentenza li kkonstatat in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu meta mqabbel ma' dak li fuqu kienu bbażati l-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza jista' jippreġudika n-natura definittiva tal-imsemmija sentenza, li għandha l-awtorità ta' *res judicata*.

41 Anki jekk tali argument jiġi aċċettat, l-elementi l-ġodda invokati mir-Repubblika Taljana ma jippermettux li jintwera, la fid-data tat-18 ta' Lulju 2018 u lanqas f'data sussegwenti, li t-tagħbija ġġenerata mill-agglomerazzjoni ta' Trappeto hija inqas minn 10 000 popolazzjoni ekwivalenti u, għaldaqstant, li din l-agglomerazzjoni hija eżentata mill-obbligu li tosserva r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/271.

42 Fil-fatt, minn naħa, it-tagħbija ta' 7 783 popolazzjoni ekwivalenti ikkomunikata mill-awtoritajiet Taljani lill-Kummissjoni matul il-proċedura prekontenzjuża ma ġietx issostanzjata, fatt li r-Repubblika Taljana tammetti fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha. Min-naħa l-oħra, fir-risposta tiegħu dan l-Istat Membru invoka tagħbija ta' 8 910 popolazzjoni ekwivalenti ġġenerata mill-agglomerazzjoni ta' Trappeto, li tirriżulta minn rapport tal-Assemblea Territorjali tal-Ilma u ta' kartografija li kienet mehmuża miegħu. Madankollu, dawn l-elementi ġodda ġew ikkomunikati mill-imsemmi Stat Membru biss waqt il-preżentata tar-risposta tiegħu, fit-23 ta' Ottubru 2023, u, għaldaqstant, wara d-data rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, jiġifieri t-18 ta' Lulju 2018. Barra minn hekk, dan ir-rapport ma huwiex datat u ma jippreċiżax id-data li minnha seħħ it-tnaqqis tat-tagħbija ġġenerata minn din l-agglomerazzjoni. Ulterjorment, l-imsemmi rapport jgħid li t-tagħbija ġġenerata mill-agglomerazzjoni ta' Trappeto kultant tkun ta' 8 618 popolazzjoni ekwivalenti, u kultant tkun ta' 11 816 popolazzjoni ekwivalenti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni sostniet, mingħajr ma ġiet kontrodetta mir-Repubblika Taljana, li, jekk il-bidla fil-metodu ta' kalkolu ma kinitx ikkunsidrata, invokata minnha, t-tagħbija ġġenerata mill-imsemmija agglomerazzjoni kienet titla', skont id-data pprovduta mill-awtoritajiet Taljani, għal 11 816 popolazzjoni ekwivalenti.

43 Barra minn hekk, mill-osservazzjonijiet bil-miktub tar-Repubblika Taljana jirriżulta li din il-bidla fil-metodu ta' kalkolu tat-tagħbija ġġenerata mill-istess agglomerazzjoni tikkonsisti fl-esklużjoni minn dan il-kalkolu tal-kontribuzzjoni ta' djar mifruxa u ta' nukleji iżolati, fejn tikkonċentra popolazzjoni li tvarja. Issa, dan l-Istat Membru ma pprovdiex spjegazzjonijiet dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw din il-bidla fil-metodu ta' kalkolu tat-tagħbija ġġenerata minn agglomerazzjoni bħal Trappeto, li tinsab f'reġjun turistiku, fejn djar mifruxa u nukleji iżolati jista' jkollhom impatt ekoloġiku sinjifikattiv.

44 Għall-bqija, ir-Repubblika Taljana la allegat u lanqas, *a fortiori*, ma wriet li hija kienet irrimedjat, fi tmiem l-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-ittra ta' intimazzjoni, jiġifieri t-18 ta' Lulju 2018, il-ksur tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 5 u 10 tad-Direttiva 91/271 ikkonstatati fid-dispożittiv tas-sentenza C-85/13 fir-rigward tal-agglomerazzjoni ta' Trappeto. F'dan ir-rigward, mir-risposta ta' dan l-Istat Membru jirriżulta li t-testijiet statiċi u tekniċi-funzjonali mwettqa wara x-xogħlijiet ta' infrastruttura mwettqa fuq l-impjant ta' trattament ta' Trappeto kienu għadhom għaddejjin fid-data tal-preżentata tar-risposta, jiġifieri fit-23 ta' Ottubru 2023. Barra minn hekk, mill-kontroreplika u mill-annessi tagħha jirriżulta li x-xogħlijiet ta' adattament u ta' tiswiħ ta' dan l-impjant ta' trattament intiżi sabiex jirrimedjaw għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni tlestew biss fix-xahar ta' Diċembru 2023. Għandu jingħad ukoll li r-rapporti ta' testijiet mehmuża ma' din ir-risposta li juru l-konformità tal-iskariki minn dan l-impjant ta' trattament mal-limiti ta' emissjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 5 ta' din id-direttiva saru bejn it-23 ta' Ġunju u l-15 ta' Diċembru 2023. Għaldaqstant, il-provi dwar it-tlestija ta' dawn ix-xogħlijiet u r-rapporti ta' testijiet relatati mal-imsemmi impjant ta' trattament huma sussegwenti għad-data rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza tal-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, jiġifieri t-18 ta' Lulju 2018, b'tali mod li ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni għal dan l-għan.

45 Minn dan isegwi li r-Repubblika Taljana ma stabbilixxietx li s-sitwazzjoni tal-agglomerazzjoni ta' Trappeto kienet konformi mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 5 u 10 tad-Direttiva 91/271 fid-data tal-iskadenza tat-terminu indikat fl-ittra ta' intimazzjoni.

46 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-agglomerazzjoni ta' Courmayeur, ir-Repubblika Taljana tirrikonoxxi fir-risposta tagħha li s-sitwazzjoni ta' din l-agglomerazzjoni kienet għadha ma hijiex konformi mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4 u 10 tad-Direttiva 91/271. F'dan ir-rigward, mir-risposta ta' dan l-Istat Membru għall-ittra ta' intimazzjoni, tal-10 ta' Lulju 2018, kif ukoll mill-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu sottomessi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, għalkemm l-ilma mormi ta' erba' muniċipalitajiet tal-imsemmija agglomerazzjoni, jiġifieri ta' La Salle, ta' Morgex, ta' Pré-Saint Didier u ta' Thuile, kien diġà ttrattat fl-impjant ta' trattament il-ġdid tal-muniċipalità ta' La Salle, ix-xogħlijiet ta' ġbir għall-konnessjoni ta' Courmayeur, jiġifieri l-ħames komun tal-agglomerazzjoni, ma' dan l-impjant ta' trattament kienu għadhom għaddejjin u kellhom jitlestew sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023. Barra minn hekk, iċ-ċertifikati li jiċċertifikaw it-tlestija tax-xogħlijiet u l-analiżi tal-iskariki, sabiex jintwera l-funzjonament tajjeb ta' dan l-impjant, kienu għadhom ma ġewx ikkomunikati lill-Kummissjoni. Minn dan isegwi li r-Repubblika Taljana ma stabbilixxietx li s-sitwazzjoni ta' din l-agglomerazzjoni kienet konformi mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4 u 10 tad-Direttiva 91/271 fi tmiem it-terminu stabbilit fl-ittra ta' intimazzjoni, jiġifieri t-18 ta' Lulju 2018.

47 Barra minn hekk, l-argument tar-Repubblika Taljana li n-nuqqas ta' konformità jirrigwarda biss parti mit-tagħbija kollha ġġenerata mill-agglomerazzjoni ta' Courmayeur, jiġifieri 37 200 popolazzjoni ekwivalenti minn total ta' 60 000 popolazzjoni ekwivalenti għal din l-agglomerazzjoni, ma jistax jintlaqa'. Dan l-argument jikkonferma biss li t-trattament tal-ilma urban mormi kollu tal-imsemmija agglomerazzjoni ma kienx żgurat, fid-data rilevanti, bi ksur tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4 u 10 tad-Direttiva 91/271.

48 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, billi ma adottatx il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza C-85/13, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE.

Fuq is-sanzjonijiet pekunjarji

L-argumenti tal-partijiet

49 Peress li r-Repubblika Taljana ma ħaditx il-miżuri kollha meħtieġa għall-eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13, il-Kummissjoni tipproponi, abbażi tal-Artikolu 260(2) TFUE, li timponi fuq dan l-Istat Membru l-ħlas ta' pagamenti ta' penalità u ta' somma f'daqqa.

50 Sabiex jiġu ddeterminati l-ammonti ta' dawn is-sanzjonijiet pekunjarji, hija tibbaża ruħha fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2023/C 2/01, intitolata "Sanzjonijiet finanzjarji fi proċedimenti ta' ksur" (ĠU 2023, C 2, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni tal-2023"). B'mod partikolari, din l-istituzzjoni tippreċiża li din d-determinazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji fundamentali li huma l-gravità tal-ksur, it-tul tiegħu u n-neċessità li jiġi żgurat l-effett dissważiv tas-sanzjoni sabiex jiġu evitati r-reċidivi.

51 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-gravità tal-ksur, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi l-koeffiċjent ta' gravità għal 4, fuq skala minn 1 sa 20, fid-dawl, minn naħa, tal-importanza tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni li nkisru, u, min-naħa l-oħra, tal-konsegwenzi ta' dan il-ksur fuq interessi ta' natura ġenerali jew partikolari.

52 Fir-rigward tal-importanza ta' dawn ir-regoli, il-Kummissjoni tfakkar li d-Direttiva 91/271 hija intiża sabiex tipproteġi l-ambjent mill-effetti negattivi tal-ilma urban mormi u tal-ilma skarikat minn ċerti setturi industrijali, u tistabbilixxi r-rekwiżiti fil-qasam tal-ġbir u tat-trattament tal-ilma mormi skont id-daqs tal-agglomerazzjonijiet ikkonċernati. Ir-rekwiżiti ta' din id-direttiva huma iktar stretti meta l-ilma mormi jiġi skarikat f'żoni kklassifikati bħala "sensittivi", fis-sens tal-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva, abbażi tal-kriterji ddefiniti fl-Anness II tagħha.

53 Il-Kummissjoni tippreċiża li din il-kawża tikkonċerna l-ksur tal-obbligi ta' trattament previsti mid-Direttiva 91/271, u, b'mod partikolari, fl-Artikoli 4 u 5 tagħha, fejn in-nuqqas ta' osservanza tagħhom għandu effetti partikolarment dannużi fl-agglomerazzjonijiet li jiskarikaw ilma mormi f'żoni sensittivi. It-trattament tal-ilma urban mormi Taljan huwa fundamentali sabiex tinżamm u tittejjeb il-kwalità tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ u tal-ekosistemi akwatiċi u terrestri li jiddependu direttament minn dawn il-korpi tal-ilma, kif ukoll sabiex tiġi ggarantita l-implimentazzjoni tad-direttivi rilevanti tal-Unjoni, u, b'mod partikolari, tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275, rettifika fil-ĠU 2019, L 260, p. 70), tad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU 2020, L 435, p. 1), u tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-*habitat* naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102).

54 Il-Kummissjoni tirrileva, fir-rikors tagħha, li, f'din il-kawża, ħames agglomerazzjonijiet imsemmija fis-sentenza C-85/13, li t-tagħbija totali tagħhom iġġenerata tammonta għal 149 069 popolazzjoni ekwivalenti u li jiżbokkaw skariki f'żoni sensittivi, għadhom ma humiex konformi mad-Direttiva 91/271. Madankollu, l-assenza jew l-insuffiċjenza ta' sistemi ta' ġbir jew ta' trattament tal-ilma urban mormi jistgħu jikkawżaw ħsara lill-ambjent u għandhom jitqiesu li huma partikolarment serji (sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-251/17, EU:C:2018:358, punt 72). Barra minn hekk, ir-rilevanza tal-ħsara lill-ambjent tiddependi, fil-biċċa l-kbira, minn numru ta' agglomerazzjonijiet kkonċernati min-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu inkwistjoni. Għalhekk, numru ta' ħames agglomerazzjonijiet mhux konformi għandu jitqies bħala sinjifikattiv.

55 Fir-rigward tal-effetti tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-interessi privati u pubbliċi, l-Kummissjoni tenfasizza li l-assenza ta' eżekuzzjoni kompleta tas-sentenza C-85/13 timplika, fir-rigward tal-ħames agglomerazzjonijiet li għadhom ma humiex konformi mad-Direttiva 91/271, riskji sinjifikattivi ta' tniġġis għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem. Barra minn hekk, din l-istituzzjoni tinvoka riskju ta' effett negattiv fuq l-implimentazzjoni ta' direttivi oħra tal-Unjoni, u, b'mod partikolari, dawk imsemmija fil-punt 53 ta' din is-sentenza. L-eżekuzzjoni inkompleta tas-sentenza C-85/13 taffettwa wkoll il-possibbiltà li jkun hemm korpi tal-ilma tal-wiċċ suffiċjentement nodfa u fuq l-attivitajiet rikreattivi u ekonomiċi.

56 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni tliet ċirkustanzi aggravanti.

57 L-ewwel nett, l-obbligu li l-Istat Membru kien u jibqa' obbligat li josserva, jiġifieri l-kostruzzjoni ta' impjanti ta' trattament adegwati għat-trattament tal-ilma urban mormi, huwa ċar. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani jirrikonoxxu l-ksur u kkomunikaw lill-Kummissjoni, sa mill-għoti tas-sentenza C-85/13, il-miżuri ta' kostruzzjoni ta' infrastrutturi previsti sabiex kull agglomerazzjoni kkonċernata tkun konformi ma' din is-sentenza.

58 It-tieni nett, din is-sentenza taqa' taħt ġurisprudenza stabbilita dwar id-Direttiva 91/271 u sitt sentenzi diġà ngħataw kontra r-Repubblika Taljana minħabba nuqqas ta' applikazzjoni korretta ta' din id-direttiva. Għalhekk, sitwazzjoni ġeneralizzata ta' nuqqas ta' osservanza tal-imsemmija direttiva ilha tippersisti fl-Italja għal għexieren ta' snin. Barra minn hekk, din il-proċedura hija waħda mill-erba' proċeduri ta' ksur pendenti kontra dan l-Istat Membru, li flimkien jirrigwardaw iktar minn 800 agglomerazzjoni.

59 It-tielet nett, in-nuqqasijiet ikkonstatati fl-agglomerazzjonijiet inkwistjoni ilhom għaddejjin iktar minn disa' snin wara l-għoti tas-sentenza C-85/13 u iktar minn 24 sena wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 91/271.

60 Bħala ċirkustanzi attenwanti, il-Kummissjoni tipproponi li tiġi kkunsidrata, l-ewwel nett, il-kooperazzjoni tar-Repubblika Taljana matul din il-proċedura kollha, u, it-tieni nett, il-fatt li sar progress kunsiderevoli fl-eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13.

61 Fit-tieni lok, fir-rigward tat-tul tal-ksur, il-Kummissjoni tirrileva li, skont il-punt 3.3 tal-Komunikazzjoni tal-2023, il-koeffiċjent ta' tul huwa espress bħala multiplikatur ta' bejn 1 u 3 u huwa kkalkolat b'rata ta' 0.10 fix-xahar mid-data tal-ewwel sentenza li tikkonstata l-ksur. F'dan il-każ, għaddew 109 xahar bejn l-10 ta' April 2014, id-data tal-għoti tas-sentenza C-85/13, u l-1 ta' Ġunju 2023, data li fiha l-Kummissjoni ddeċidiet li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, din l-istituzzjoni tipproponi li l-koeffiċjent tat-tul jiġi ffissat għal 3.

62 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-ħtieġa li jiġi żgurat l-effett dissważiv tas-sanzjoni billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tippreċiża li dan l-effett dissważiv huwa rifless f'fattur "n", li, għar-Repubblika Taljana, huwa stabbilit għal 3.41.

63 Konsegwentement, minn naħa, il-Kummissjoni tipproponi li s-somma f'daqqa tiġi kkalkolata abbażi ta' ammont ta' kuljum ta' EUR 13 640, miksub billi tiġi mmultiplikata somma f'daqqa, fis-sens tal-punt 4.2 tal-Komunikazzjoni tal-2023, stabbilita għal EUR 1 000, bil-koeffiċjent ta' gravità ta' 4 u bil-fattur "n" ta' 3.41. Skont il-punt 4.2.1 ta' din il-komunikazzjoni, din is-somma f'daqqa ta' kuljum għandha tiġi mmultiplikata bin-numru ta' ġranet li matulhom in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppersista. Din l-istituzzjoni tippreċiża li l-ħlas tas-somma f'daqqa miksuba b'dan il-mod għandu jiġi impost fuq ir-Repubblika Taljana jekk din is-somma tkun ogħla minn EUR 9 548 000, ammont tas-somma f'daqqa minima ffissata għal dan l-Istat Membru.

64 Barra minn hekk, skont il-punt 2.1 tal-Komunikazzjoni tal-2023, il-Kummissjoni tipproponi li l-ammont tas-somma f'daqqa jiġi aġġustat sa fejn is-sitwazzjoni ta' ċerti agglomerazzjonijiet imsemmija fis-sentenza C-85/13 issir konformi ma' din is-sentenza matul il-proċedura. Din l-istituzzjoni tqis li għalhekk l-ammont tas-somma f'daqqa ta' kuljum għandu jiġi diviż bin-numru totali ta'popolazzjoni ekwivalenti inadempjenti sabiex jinkiseb il-koeffiċjent tat-tnaqqis ta' kuljum, jiġifieri f'dan il-każ EUR 0.09. Dan il-koeffiċjent ta' tnaqqis ta' kuljum għandu jitnaqqas mill-ammont tas-somma f'daqqa ta' kuljum għal kull unità ta' popolazzjoni ekwivalenti tal-agglomerazzjonijiet li s-sitwazzjoni tagħhom tkun effettivament konformi mad-Direttiva 91/271.

65 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tipproponi li l-ammont tal-pagament tal-penalità jiġi ffissat għal EUR 122 760 għal kull jum, miksub billi tiġi mmultiplikata s-somma f'daqqa tal-pagament tal-penalità, stabbilita fil-punt 1 tal-Anness I tal-Komunikazzjoni tal-2023, li titla' għal EUR 3 000 għal kull jum, bil-koeffiċjent ta' gravità ta' 4, il-koeffiċjent ta' tul ta' 3 kif ukoll bil-fattur "n" ta' 3.41.

66 Madankollu, il-Kummissjoni tipproponi, konformement mat-Taqsima 2.1 ta' din il-komunikazzjoni, li jiġu applikati pagamenti ta' penalità ta' kuljum digressivi, li l-ammont effettiv tagħhom għandu jiġi kkalkolat kull sitt xhur, billi jitnaqqas l-ammont totali relatat ma' kull wieħed minn dawn il-perijodi b'perċentwali li tikkorrispondi għall-proporzjon ta' popolazzjoni ekwivalenti tal-agglomerazzjonijiet li qiegħdu s-sistemi ta' ġbir u ta' trattament tagħhom f'konformità mas-sentenza C-85/13. Hija r-Repubblika Taljana li għandha tikkomunika lil din l-istituzzjoni l-provi li jippermettu li jiġi stabbilit li l-konformità twettqet qabel it-tmiem ta' kull perijodu ta' sitt xhur.

67 Il-Kummissjoni tqis, barra minn hekk, li, jekk dan it-tqegħid f'konformità jseħħ progressivament, sabiex jiġi kkalkolat it-tnaqqis gradwali tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum, l-ammont tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum għandu jiġi diviż bit-total tal-popolazzjonijiet ekwivalenti ġġenerati mill-agglomerazzjonijiet li, sal-lum, għadhom ma humiex konformi mas-sentenza C-85/13.

68 Ir-Repubblika Taljana, filwaqt li taqbel mal-Kummissjoni li jeżisti dewmien persistenti fl-eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13, tqis, madankollu, li l-ammont tas-sanzjonijiet pekunjarji mitlub minn din l-istituzzjoni huwa eċċessiv u tressaq diversi argumenti sabiex issostni din il-konstatazzjoni.

69 L-ewwel nett, hemm lok li tittieħed inkunsiderazzjoni l-kumplessità tal-interventi materjali li għandhom jitwettqu, li jimplikaw it-twettiq ta' infrastrutturi kumplessi, li l-ispiża tagħhom tista' tkun suġġetta għal varjazzjonijiet, kif ukoll in-neċessità li jiġu ttestjati, imqiegħda fis-servizz u li jiġi ssorveljat il-funzjonament tal-infrastrutturi mwettqa. Għall-finijiet ta' dawn l-operazzjonijiet, huwa neċessarju li wieħed jirrikorri għal proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi, li jippreżentaw riskju għoli ta' kontenzjuż.

70 It-tieni nett, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-kooperazzjoni leali tal-awtoritajiet Taljani mal-Kummissjoni matul il-proċedura kollha.

71 It-tielet nett, ir-Repubblika Taljana impenjat ruħha f'riżorsi ekonomiċi u finanzjarji kunsiderevoli sabiex timplimenta l-miżuri neċessarji kemm sabiex teżegwixxi s-sentenza C-85/13 kif ukoll sabiex issolvi l-kawżi li hija għandha mal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-ilma urban mormi, b'mod ġenerali. Dan l-Istat Membru jindika li alloka ammont totali ta' iktar minn EUR 3 biljun għal dan l-għan.

72 Ir-raba' nett, ir-Repubblika Taljana tippreċiża li ħatret kummissarju speċjali uniku, inkarigat mill-eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13, sabiex iħeġġeġ u jħaffef it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet neċessarji għall-finijiet ta' din l-eżekuzzjoni.

73 Il-ħames nett, hemm lok li tittieħed inkunsiderazzjoni l-inammissibbiltà tar-rikors tal-Kummissjoni, sa fejn jirrigwarda l-agglomerazzjoni ta' Trappeto, li l-popolazzjoni ekwivalenti ġġenerata tagħha ma taqbiżx l-10 000.

74 Is-sitt nett, ir-Repubblika Taljana tippreċiża li, filwaqt li s-sentenza C-85/13 kienet tirrigwarda 41-il agglomerazzjoni, li għandhom tagħbija totali ta' 2 281 847 popolazzjoni ekwivalenti, l-ittra ta' intimazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2018 kienet tirrigwarda 14-il agglomerazzjoni, li għandhom tagħbija totali ta' 462 266 popolazzjoni ekwivalenti, u r-rikors ta' din l-istituzzjoni jikkonċerna 5 agglomerazzjonijiet, li għandhom tagħbija totali ta' 149 069 popolazzjoni ekwivalenti.

75 Is-seba' nett, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-progress sinjifikattiv li sar matul din il-proċedura sabiex jitnaqqsu kemm in-numru totali ta' agglomerazzjonijiet li ma humiex konformi mad-Direttiva 91/271 kif ukoll in-numru ta' popolazzjoni ekwivalenti tagħhom. Għalhekk, matul il-perijodu bejn l-2014 u l-2023, in-numru ta' agglomerazzjonijiet li ma humiex konformi naqas għal 88 % u n-numru ta' popolazzjoni ekwivalenti mhux konformi naqas għal 94 %. Barra minn hekk, dawn iċ-ċifri għandhom jiġu adattati sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-argumenti esposti fil-punti 26 u 27 ta' din is-sentenza, fir-rigward tal-agglomerazzjonijiet ta' Trappeto u ta' Courmayeur.

76 It-tmien nett, ir-Repubblika Taljana tqis li ma huwiex xieraq, għall-Kummissjoni, li fir-rikors tagħha tirreferi għal proċeduri oħra ta' ksur miftuħa fir-rigward tagħha fil-qasam tal-ilma urban mormi. Fi kwalunkwe każ, mid-data dwar it-tliet proċeduri l-oħra ta' ksur kontra dan l-Istat Membru jirriżulta li n-numru totali ta' iktar minn 800 agglomerazzjoni mhux konformi tnaqqas progressivament għal numru totali ta' 622 fid-data tal-preżentata tar-risposta.

77 Id-disa' nett, fir-rigward tal-kwalità tal-ilma għall-għawm, ir-Repubblika Taljana tikkunsidra li r-riskju ta' dannu huwa biss teoretiku u purament potenzjali. Barra minn hekk, id-data dwar il-kwalità tal-ilma għall-għawm fiż-żoni kostali li jinsabu qrib l-agglomerazzjonijiet ta' Castellammare del Golfo I, ta' Cinisi, ta' Terrassini u ta' Trappeto, kif ikkompletata u aġġornata, tippreżenta stampa tal-kwalità tal-ilma f'dawn iż-żoni differenti minn dik li tirriżulta mir-rikors tal-Kummissjoni u turi tendenza ta' titjib.

78 L-għaxar nett, ir-Repubblika Taljana ssostni li, jekk il-proposti tal-Kummissjoni jiġu segwiti, hija tirriskja paradossalment li tiġi kkundannata għall-ħlas ta' sanzjonijiet pekunjarji ta' ammont kunsiderevolment ogħla minn dawk li l-Qorti tal-Ġustizzja imponitilha fis-sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-251/17, EU:C:2018:358), minkejja li din is-sentenza kienet tirrigwarda ksur tad-Direttiva 91/271 li jirrigwarda numru ikbar ta' agglomerazzjonijiet u b'total ta'popolazzjoni ekwivalenti ogħla minn dak ta' din il-kawża.

79 Konsegwentement, ir-Repubblika Taljana titlob li l-koeffiċjent ta' gravità jiġi ffissat f'livell inferjuri għal dak propost mill-Kummissjoni.

80 Fir-rigward tat-talba tal-Kummissjoni intiża għall-applikazzjoni kumulattiva ta' somma f'daqqa u ta' pagamenti ta' penalità, ir-Repubblika Taljana ssostni li, meta jkun ċert jew raġonevolment probabbli li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx f'pożizzjoni li jeżegwixxi s-sentenza li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, peress li l-iskeda ppreżentata mill-awtoritajiet nazzjonali intiża sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni kompleta ta' din is-sentenza teċċedi t-tul tal-proċedura, il-kundizzjoni preliminari għall-impożizzjoni tas-somma f'daqqa, jiġifieri l-possibbiltà oġġettiva għall-Istat Membru li jkun naqas li jikkonforma ruħu fil-ħin, tkun nieqsa. Għaldaqstant, f'tali każ, l-impożizzjoni ta' somma f'daqqa għandha tiġi evitata, peress li l-funzjoni dissważiva tkun diġà ssodisfatta kompletament mill-pagamenti ta' penalità biss.

81 Dan huwa preċiżament il-każ f'din il-kawża, fejn huwa materjalment impossibbli għar-Repubblika Taljana li tiżgura l-operazzjonijiet kollha sabiex teżegwixxi s-sentenza C-85/13 qabel l-għeluq tal-proċedura skont l-Artikolu 260(2) TFUE quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, dan l-Istat Membru jitlob, prinċipalment, l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità, bl-esklużjoni ta' somma f'daqqa, fil-kuntest ta' din il-kawża.

82 Sussidjarjament, ir-Repubblika Taljana titlob li tiġi kkundannata biss għall-ħlas ta' somma f'daqqa, li tkun suffiċjenti sabiex tissanzjona n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, l-impożizzjoni ta' somma f'daqqa ta' ammont kbir minbarra pagamenti ta' penalità tkun sproporzjonata u tirriskja li tipproduċi effett kuntrarju għal dak imfittex, billi tikkomplika l-eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13 minħabba l-konsegwenzi finanzjarji dannużi gravi li din twassal għalihom.

83 B'mod iktar sussidjarju, ir-Repubblika Taljana titlob li l-obbligu ta' ħlas ta' pagamenti ta' penalità jidħol fis-seħħ biss sa mit-tmiem tal-iskadenzi previsti. Fil-fatt, l-iffissar ta' terminu ta' riferiment għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-pagamenti ta' penalità jkun soġġett għall-evalwazzjoni indipendenti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

84 Fil-kontroreplika tagħha, ir-Repubblika Taljana żżid li, fid-data tal-preżentata ta' din il-kontroreplika, tliet agglomerazzjonijiet biss li kellhom tagħbija totali ta' 78 069 popolazzjoni ekwivalenti ma kinux għadhom konformi mas-sentenza C-85/13. Għalhekk, wara l-għoti ta' dik is-sentenza, in-numru ta' agglomerazzjonijiet mhux konformi naqas b'93 %, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 96.6 % tat-tagħbija mhux konformi ġġenerata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

85 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-għan tal-proċedura prevista fl-Artikolu 260(2) TFUE huwa li Stat Membru inadempjenti jiġi mħeġġeġ jeżegwixxi sentenza li tikkonstata nuqqas u, għalhekk, li tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni, u li l-miżuri previsti f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri l-pagamenti ta' penalità u s-somma f'daqqa, għandhom it-tnejn li huma dan l-istess għan (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' Applikanti għal Protezzjoni Internazzjonali II), C-123/22, EU:C:2024:493, punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata).

86 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-applikazzjoni ta' pagamenti ta' penalità u ta' somma f'daqqa tiddependi mill-kapaċità ta' kull waħda minnhom li tissodisfa l-għan imfittex skont iċ-ċirkustanzi tal-każ u, f'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex eskluż li jsir użu miż-żewġ tipi ta' sanzjonijiet previsti (sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-367/14, EU:C:2015:611, punt 114 u l-ġurisprudenza ċċitata).

87 Jekk l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità tkun tidher partikolarment xierqa sabiex tħeġġeġ Stat Membru jtemm, fl-iqsar żmien possibbli, nuqqas li, fl-assenza ta' tali miżura, x'aktarx jibqa' jippersisti, l-impożizzjoni ta' somma f'daqqa tiddependi l-aktar fuq l-evalwazzjoni tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligi ta-Istat Membru inkwistjoni fuq l-interessi privati u pubbliċi, b'mod partikolari meta n-nuqqas baqa' għaddej għal żmien twil wara s-sentenza li kienet inizjalment ikkonstatat l-imsemmi nuqqas (sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-367/14, EU:C:2015:611, punt 115 u l-ġurisprudenza ċċitata).

88 Hija l-Qorti tal-Ġustizzja li, f'kull kawża u fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ li jkollha quddiemha kif ukoll tal-livell ta' persważjoni u ta' dissważjoni li jidhrilha meħtieġ, għandha tiddetermina s-sanzjonijiet pekunjarji xierqa, b'mod partikolari għall-prevenzjoni tar-repetizzjoni ta' ksur analogu tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' Applikanti għal Protezzjoni Internazzjonali II), C-123/22, EU:C:2024:493, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

89 Għalhekk, il-proposti tal-Kummissjoni ma jistgħux jorbtu lill-Qorti tal-Ġustizzja u huma biss bażi ta' riferiment utli. Bl-istess mod, linji gwida bħal dawk li jinsabu fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda jikkontribwixxu sabiex jiżguraw it-trasparenza, l-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali tal-azzjoni mibdija minn din l-istituzzjoni (sentenza tat-12 ta' Marzu 2020, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Għajnuna Illegali lis-Settur tal-Lukandi f'Sardegna), C-576/18, EU:C:2020:202, punt 136 u l-ġurisprudenza ċċitata).

– *Fuq il-possibbiltà ta' kumulu ta' pagamenti ta' penalità u ta' ħlas ta' somma f'daqqa*

90 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja hija awtorizzata, fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni mogħtija lilha fil-qasam ikkunsidrat, timponi, b'mod kumulattiv, pagamenti ta' penalità u somma f'daqqa (sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-367/14, EU:C:2015:611, punt 116 u l-ġurisprudenza ċċitata), u dan b'mod partikolari meta n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, fl-istess ħin, ikun dam għal perijodu twil u kien intiż li jippersisti (ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza, C-304/02, EU:C:2005:444, punt 82).

91 Issa, fid-dawl tal-elementi li jirriżultaw mill-punti 38, 44 u 46 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkonstatat li l-istess ċirkustanzi bħal dawk imsemmija fil-ġurisprudenza ċċitata fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza jikkaratterizzaw in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu inkwistjoni f'din il-kawża. Għaldaqstant, ir-Repubblika Taljana ma tistax tikkontesta b'mod utli l-applikazzjoni kumulattiva, fir-rigward tagħha, taż-żewġ sanzjonijiet pekunjarji.

– *Fuq is-somma f'daqqa*

92 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-kundanna għall-ħlas ta' somma f'daqqa u l-iffissar tal-eventwali ammont ta' din is-somma għandhom, f'kull każ inkwistjoni, jibqgħu jiddependu mill-elementi rilevanti kollha li jirrigwardaw kemm il-karatteristiċi tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat kif ukoll l-aġir stess tal-Istat Membru kkonċernat mill-proċedura mibdija skont l-Artikolu 260 TFUE. F'dan ir-rigward, dan l-artikolu jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa sabiex tiddeċiedi dwar jekk tali sanzjoni tiġix imposta u sabiex tiddetermina, jekk ikun il-każ, l-ammont tagħha (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' Applikanti għal Protezzjoni Internazzjonali II), C-123/22, EU:C:2024:493, punt 98 u l-ġurisprudenza ċċitata).

93 F'din il-kawża, l-elementi legali u fattwali kollha li wasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, permezz tas-sentenza C-85/13, l-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kif ukoll iċ-ċirkustanzi li għaddejjin erba' proċeduri ta' ksur kontra r-Repubblika Taljana fil-qasam tat-trattament tal-ilma urban mormi, li jirrigwardaw numru totali ta' iktar minn 800 agglomerazzjoni, u li dan l-Istat Membru diġà kien is-suġġett ta' diversi sentenzi li jikkonstataw nuqqas ta' twettiq ta' obbligu f'dan is-settur speċifiku tal-azzjoni tal-Unjoni, jiġifieri s-sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-251/17, EU:C:2018:358), u dawk imsemmija fil-punt 98 ta' din is-sentenza,

jikkostitwixxu indikatur tal-fatt li l-prevenzjoni effettiva tar-repetizzjoni futura ta' ksur analogu tad-dritt tal-Unjoni tirrendi neċessarja l-adozzjoni ta' miżura dissważiva bħall-impożizzjoni ta' somma f'daqqa.

94 Hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha, li għandha tistabbilixxi l-ammont ta' din is-somma f'daqqa b'tali mod li din tkun, minn naħa, adatta għaċ-ċirkustanzi u, min-naħa l-oħra, proporzjonata mal-ksur imwettaq. Fost il-fatturi rilevanti f'dan ir-rigward hemm elementi bħall-gravità u t-tul tal-ksur kif ukoll il-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' Applikanti għal Protezzjoni Internazzjonali II), C-123/22, EU:C:2024:493, punti 100 u 101 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

95 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-gravità tal-ksur, minn naħa, kif jirriżulta mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tagħha, id-Direttiva 91/271 għandha l-għan li tipproteġi l-ambjent kontra ħsara kkawżata mill-iskariki tal-ilma mormi. Madankollu, l-assenza jew l-insuffiċjenza ta' sistemi ta' ġbir u ta' trattament tal-ilma urban mormi jistgħu jikkawżaw ħsara lill-ambjent u għandhom jitqiesu li huma partikolarment serji. Min-naħa l-oħra, l-importanza tal-ħsara lill-ambjent tiddependi, fil-parti l-kbira, min-numru ta' agglomerazzjonijiet ikkonċernati mill-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-251/17, EU:C:2018:358, punti 72 u 73 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

96 F'dan il-każ, fir-rigward, l-ewwel nett, tal-agglomerazzjonijiet ta' Castellammare del Golfo I, ta' Cinisi u ta' Terrasini, huwa paċifiku li l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4, 5 u 10 tad-Direttiva 91/271, kif ikkonstatati fis-sentenza C-85/13, kienu għadhom ma ġewx osservati fid-data tas-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża, jiġifieri fit-13 ta' Novembru 2024.

97 Fir-rigward, it-tieni nett, tal-agglomerazzjoni ta' Trappeto, għandu jiġi rrilevat, kif jirriżulta mill-punt 32 ta' din is-sentenza, li x-xogħlijiet li jikkonċernaw l-impjant ta' trattament ta' din l-agglomerazzjoni tlestew u l-ġestjoni ta' dan l-impjant ingħatat, fit-22 ta' Diċembru 2023, lil AMAP, ġestjonarja tas-servizz tal-ilma integrat tal-ATO ta' Palermo. Barra minn hekk, il-prova tal-osservanza tal-limiti ta' emissjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 91/271, għall-perijodu bejn it-23 ta' Ġunju u l-15 ta' Diċembru 2023, ġiet prodotta fil-kontroreplika.

98 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat, kif qablet ukoll il-Kummissjoni waqt is-seduta, li r-Repubblika Taljana, fil-15 ta' Diċembru 2023, ħadet il-miżuri kollha neċessarji sabiex tikkonforma l-agglomerazzjoni ta' Trappeto mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4, 5 u 10 tad-Direttiva 91/271, kif ikkonstatati fis-sentenza C-85/13.

99 Fir-rigward, it-tielet nett, tal-agglomerazzjoni ta' Courmayeur, kif jirriżulta mill-punt 33 ta' din is-sentenza, ir-Repubblika Taljana allegat, fil-kontroreplika tagħha, li s-sitwazzjoni ta' din l-agglomerazzjoni kienet konformi mad-Direttiva 91/271, mhux biss mill-perspettiva fiżika, mat-tlestija u mal-konnessjoni tas-sistemi ta' ġbir mal-impjant ta' trattament ta' La Salle, iżda wkoll mill-perspettiva funzjonali u tal-effikaċja tat-trattament. Barra minn hekk, dan l-Istat Membru bbaża ruħu, waqt is-seduta, fuq analiżijiet ġodda kkomunikati lill-Kummissjoni, li jikkonfermaw l-osservanza tal-limiti ta' emissjoni stabbiliti minn din id-direttiva.

100 Madankollu, il-Kummissjoni kkontestat, waqt din is-seduta, li r-Repubblika Taljana pproduċiet il-prova tal-konformità tas-sitwazzjoni tal-agglomerazzjoni ta' Courmayeur mar-rekwiżiti ta' din id-direttiva. Fil-fatt, din l-istituzzjoni rrilevat, mingħajr ma ġiet kontradetta minn dan l-Istat Membru, li, minn naħa, l-elementi l-ġodda ppreżentati minnu kienu jikkonċernaw biss parti

minn din l-agglomerazzjoni u għalhekk ma kinux jistabbilixxu l-konformità tal-imsemmija agglomerazzjoni, kollha kemm hi, mal-imsemmija direttiva, u, min-naħa l-oħra, ir-rapport ta' aċċettazzjoni tat-tieni parti tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ta' konnessjoni tas-sistemi ta' ġbir ma' dan l-impjant, iċ-ċertifikat ta' aċċettazzjoni tal-impjant li jirriżulta u ċ-ċertifikat ta' funzjonament tal-imsemmi impjant ma kinux ġew ikkomunikati.

101 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li r-Repubblika Taljana ma stabbilixxietx, fid-data tas-seduta, li hija kienet ħadet il-miżuri kollha neċessarji sabiex l-agglomerazzjoni ta' Courmayeur tkun konformi mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4 u 10 tad-Direttiva 91/271, kif ikkonstatati fis-sentenza C-85/13.

102 Minn dan isegwi li n-numru ta' agglomerazzjonijiet li, f'din id-data, ma kinux konformi mad-Direttiva 91/271, jiġifieri 4, tnaqqas b'mod sinjifikattiv meta mqabbel man-numru totali ta' agglomerazzjonijiet li kienu s-suġġett tas-sentenza C-85/13, jiġifieri 41, u, korrelattivament, il-ħsara lill-ambjent naqset meta mqabbla ma' dik li tirriżulta min-nuqqas inizjali ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat f'din is-sentenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-557/14, EU:C:2016:471, punt 75). Għaldaqstant, ir-Repubblika Taljana naqqset kunsiderevolment il-ħsara lill-ambjent li tirriżulta mill-ksur ikkonstatat mis-sentenza C-85/13.

103 Xorta jibqa' l-fatt li għad hemm ħsara, ċertament inqas sinjifikattiva, għall-ambjent. Din il-ħsara hija iktar u iktar gravi peress li l-erba' agglomerazzjonijiet mhux konformi kollha jiżbokkaw l-iskariki tagħhom ta' ilma f'ilmijiet riċeventi kkunsidrati bħala żoni sensittivi. Billi kklassifikat t-territorji kkonċernati bħala "żoni sensittivi", skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 91/271 u l-Anness II tagħha, r-Repubblika Taljana, fil-fatt, irrikonoxxiet l-ħtieġa ta' protezzjoni ambjentali miżjuda ta' dawn it-territorji. Madankollu, l-assenza ta' trattament tal-ilma mormi urban jikkostitwixxi ħsara lill-ambjent (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-533/11, EU:C:2013:659, punt 55).

104 Fir-rigward tar-riskji li, fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 95 ta' din is-sentenza, il-ksur inkwistjoni jinvolvi għall-interessi pubbliċi importanti inkwistjoni, marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent, la l-kumplessità tal-interventi materjali li għandhom jitwettqu u lanqas il-fatt, jekk jiġi preżunt li dan huwa minnu, li r-riskju ta' dannu lill-kwalità tal-ilma għall-għawm fiż-żoni kostali kkonċernati huwa teoretiku u purament potenzjali jew li l-kwalità ta' dan l-ilma tippreżenta, fi kwalunkwe każ, tendenza għat-titjib ma jistgħux iwasslu għal evalwazzjoni inqas severa tal-gravità ta' dan il-ksur.

105 Għaldaqstant, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħala ċirkustanza attenwanti, l-ewwel nett, il-kooperazzjoni tar-Repubblika Taljana mas-servizzi tal-Kummissjoni matul il-proċedura kollha, it-tieni nett, il-progress li dan l-Istat Membru wettaq fl-eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13, it-tielet nett, l-isforzi ta' investiment importanti li l-imsemmi Stat Membru għamel sabiex jeżegwixxi din is-sentenza u, ir-raba' nett, il-ħatra ta' kummissarju speċjali uniku għal dan l-għan.

106 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, it-tul tal-ksur, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-perijodu bejn l-għoti tas-sentenza li tikkonstata l-ewwel nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u l-mument li fih il-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa l-fatti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' Applikanti għal Protezzjoni Internazzjonali II), C-123/22, EU:C:2024:493, punt 126 u l-ġurisprudenza ċċitata).

107 F'dan il-każ, in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13 kien ilu għaddej, fid-data li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja evalwat il-fatti, għal madwar ħdax-il sena, li jikkostitwixxi tul eċċessiv, anki jekk għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-perijodu sinjifikattiv ta' diversi snin li x-xogħlijiet ta' infrastruttura meħtieġa kienu jeħtieġu.

108 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, il-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni pproponiet, konformement mal-punti 3.4 u 4.2 tal-Komunikazzjoni tal-2023, li jittieħed inkunsiderazzjoni l-prodott domestiku gross (PDG) ta' dan l-Istat Membru meta mqabbel mal-medja tal-PDG tal-Istati Membri għal żewġ terzi tal-kalkolu kif ukoll il-popolazzjoni tiegħu meta mqabbla mal-medja tal-popolazzjoni tal-Istati Membri, bħala kriterju demografiku, għal terz tal-kalkolu.

109 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-determinazzjoni tal-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat ma tistax tinkludi fil-metodu ta' kalkolu tal-fattur "n", li jirrappreżenta l-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tal-kapaċità ta' ħlas tal-Istati Membri l-oħra, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' kriterju demografiku skont il-modalitajiet previsti fil-punti 3.4 u 4.2 tal-Komunikazzjoni tal-2023 (sentenza tal-25 ta' April 2024, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Direttiva dwar l-informaturi), C-147/23, EU:C:2024:346, punt 86).

110 Għalhekk, sabiex tiġi ddeterminata l-kapaċità ta' ħlas tar-Repubblika Taljana, jeħtieġ li wieħed jibbaża ruħu fuq il-PDG tagħha, bħala fattur predominanti, u li tittieħed inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni reċenti ta' dan il-PDG, kif kienet fid-data tal-eżami tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' Applikanti għal Protezzjoni Internazzjonali II), C-123/22, EU:C:2024:493, punt 131 u l-ġurisprudenza ċċitata).

111 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u fin-nuqqas ta' determinazzjoni mill-Kummissjoni ta' kriterju validu għal kalkolu tal-fattur "n", li jistabbilixxi l-kapaċità ta' ħlas tar-Repubblika Taljana, huwa b'teħid inkunsiderazzjoni tal-PDG medju ta' dan l-Istat Membru, ikkalkolat fuq l-aħħar tlett snin, li l-ammont tas-somma f'daqqa għandu jiġi ffissat. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ssir evalwazzjoni ġusta taċ-ċirkostanzi tal-każ bl-iffissar tal-ammont ta' 10 miljun euro bħala somma f'daqqa imposta fuq l-imsemmi Stat Membru.

– *Fuq il-pagamenti ta' penalità*

112 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità, bħala prinċipju, hija ġġustifikata biss sakemm jippersisti n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu bbażat fuq in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza preċedenti sal-eżami tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' Applikanti għal Protezzjoni Internazzjonali II), C-123/22, EU:C:2024:493, punt 135 u l-ġurisprudenza ċċitata).

113 F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-punti 96 sa 102 ta' din is-sentenza, fid-data tas-seduta, il-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13 kienu għadhom ma ġewx adottati b'mod sħiħ.

114 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kundanna tar-Repubblika Taljana għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità hija mezz pekunjarju xieraq sabiex dan l-Istat Membru jiġi inkuraġġit jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jintemm in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat u sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni kompleta tas-sentenza C-85/13.

115 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li dawn l-pagamenti ta' penalità għandhom jiġu stabbiliti skont il-grad ta' persważjoni neċessarju sabiex l-Istat Membru kkonċernat jibdel l-aġir tiegħu u jtemm l-aġir inkriminati (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' Applikanti għal Protezzjoni Internazzjonali II), C-123/22, EU:C:2024:493, punt 138 u l-ġurisprudenza ċċitata).

116 Fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha f'dan il-qasam, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tistabbilixxi l-imsemmija pagamenti ta' penalità b'tali mod li dawn ikunu, minn naħa, adattati għaċ-ċirkustanzi u, min-naħa l-oħra, proporzjonati man-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat kif ukoll mal-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru kkonċernat (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' Applikanti għal Protezzjoni Internazzjonali II), C-123/22, EU:C:2024:493, punt 139 u l-ġurisprudenza ċċitata).

117 Għall-finijiet tal-iffissar tal-ammont tal-pagamenti ta' penalità, il-kriterji bażiċi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi żgurata n-natura koerċittiva ta' dawn tal-aħħar, fid-dawl ta' applikazzjoni uniformi u effettiva tad-dritt tal-Unjoni, huma, bħala prinċipju, il-gravità tal-ksur, it-tul tiegħu u l-kapaċità ta' ħlas tal-Istat Membru inkwistjoni. Għall-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, hemm lok li jitqiesu, b'mod partikolari, il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligi ta' Stat Membru ikkonċernat fuq l-interessi privati u pubbliċi, kif ukoll l-urġenza sabiex l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Akkoljenza ta' Applikanti għal Protezzjoni Internazzjonali II), C-123/22, EU:C:2024:493, punt 141 u l-ġurisprudenza ċċitata).

118 Fir-rigward ta' dawn il-fatturi, iċ-ċirkustanzi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni jirriżultaw b'mod partikolari mill-kunsiderazzjonijiet li saru fil-punti 96 sa 110 ta' din is-sentenza, relatati mal-gravità u mat-tul tal-ksur inkwistjoni, kif ukoll mal-kapaċità ta' ħlas tar-Repubblika Taljana.

119 Barra minn hekk, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, bħala ċirkustanza aggravanti, il-fatt li l-eżekuzzjoni kompleta tas-sentenza C-85/13 għandha sseħħ biss, skont l-aħħar indikazzjonijiet ipprovduti mir-Repubblika Taljana fil-kontroreplika tagħha, fl-2026, li huwa ekwivalenti għal dewmien ta' bejn 26 u 28 sena meta mqabbel mad-data li fiha l-Istati Membri kellhom jiżguraw l-osservanza tal-Artikoli 4 u/jew 5 kif ukoll 10 tad-Direttiva 91/271.

120 Ulterjorment, il-Kummissjoni pproponiet lill-Qorti tal-Ġustizzja tnaqqas gradwalment il-pagamenti ta' penalità skont il-progress imwettaq fl-eżekuzzjoni tas-sentenza C-85/13.

121 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, għalkemm, sabiex tiġi ggarantita l-eżekuzzjoni kompleta tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-pagamenti ta' penalità għandhom jintalbu fl-intier tagħhom sakemm l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri kollha neċessarji sabiex itemm in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat, f'ċerti każijiet partikolari tista', madankollu, tiġi prevista sanzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni l-progress li jkun eventwalment sar mill-Istat Membru fl-eżekuzzjoni tal-obbligi tiegħu (sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-251/17, EU:C:2018:358, punt 83 u l-ġurisprudenza ċċitata).

122 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, wara li s-sitwazzjoni tal-agglomerazzjoni ta' Trappeto tqiegħdet f'konformità mal-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva 91/271, in-numru ta' popolazzjoni ekwivalenti ta' agglomerazzjonijiet li ma għandhomx sistemi ta' ġbir u ta' trattament tal-ilma mormi urban konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-direttiva kien jammonta, fid-data tas-seduta, għal 137 253.

123 Fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha ta' din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis xieraq l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità li jitnaqqsu gradwalment ta' ammont ta' EUR 75 000 għal kull jum.

124 Fir-rigward tal-perijodiċità tal-pagamenti ta' penalità, il-komponent digressiv tagħhom huwa stabbilit, skont il-proposta tal-Kummissjoni, fuq bażi ta' sitt xhur, peress li l-istabbiliment u l-analiżi tal-prova tal-konformità tas-sitwazzjoni tal-agglomerazzjonijiet inkwistjoni mad-Direttiva 91/271 jistgħu jeżiġu ċertu terminu u dan sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-progress eventwalment imwettaq mir-Repubblika Taljana. Għalhekk, l-ammont totali dwar kull wieħed minn dawn il-perijodi għandu jitnaqqas b'perċentwali li jikkorrispondi għall-proporzjon li jirrappreżenta n-numru ta' popolazzjoni ekwivalenti tal-agglomerazzjonijiet li s-sistemi ta' ġbir u ta' trattament tal-ilma urban mormi tagħhom kienu reżi konformi mas-sentenza C-85/13 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-251/17, EU:C:2018:358, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

125 Ir-Repubblika Taljana għalhekk għandha tiġi kkundannata tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penalità ta' EUR 13 687 500 għal kull semestru ta' dewmien fl-implimentazzjoni tal-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza C-85/13, mid-data tal-għoti ta' din is-sentenza u sal-eżekuzzjoni kompleta tas-sentenza C-85/13, li l-ammont effettiv tagħhom għandu jiġi kkalkolat fi tmiem kull perijodu ta' sitt xhur billi l-ammont totali dwar kull wieħed minn dawn il-perijodi jitnaqqas b'perċentwali li jikkorrispondi għall-proporzjon li jirrappreżenta n-numru ta' popolazzjoni ekwivalenti tal-agglomerazzjonijiet li s-sistemi ta' ġbir u ta' trattament tal-ilma urban mormi tagħhom kienu reżi konformi mas-sentenza C-85/13, fl-aħħar tal-perijodu kkunsidrat, meta mqabbel man-numru ta' popolazzjoni ekwivalenti ta' agglomerazzjonijiet mhux mgħammra b'sistemi bħal dawn fil-jum tal-għoti ta' din is-sentenza.

Fuq l-ispejjeż

126 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni talbet li r-Repubblika Taljana tiġi kkundannata għall-ispejjeż u peress li din tal-aħħar tilfet il-kawża, hemm lok li r-Repubblika Taljana tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Billi ma adottatx il-miżuri kollha neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-10 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-85/13, EU:C:2014:251), ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 260(1) TFUE.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea somma f'daqqa ta' EUR 10 miljun.

3) Fil-każ li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ikkonstatat fil-punt 1 jippersisti fil-jum tal-għoti ta' din is-sentenza, ir-Repubblika Taljana hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea pagamenti ta' penalità ta' EUR 13 687 500 għal kull semestru ta' dewmien fl-implimentazzjoni tal-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza tal-10 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-85/13, EU:C:2014:251), mid-data tal-għoti ta' din is-sentenza u sal-eżekuzzjoni kompleta tas-sentenza tal-10 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-85/13, EU:C:2014:251), li l-ammont effettiv tagħhom għandu jiġi kkalkolat fi tmiem kull perijodu ta' sitt xhur billi l-ammont totali

dwar kull wieħed minn dawn il-perijodi jitnaqqas b'perċentwali li jikkorrispondi għall-proporzjon li jirrappreżenta n-numru ta' popolazzjoni ekwivalenti tal-agglomerazzjonijiet li s-sistemi ta' ġbir u ta' trattament tal-ilma urban mormi tagħhom kienu reżi konformi mas-sentenza tal-10 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-85/13, EU:C:2014:251), fl-aħħar tal-perijodu kkunsidrat, meta mqabbel man-numru ta' popolazzjoni ekwivalenti ta' agglomerazzjonijiet mhux mgħammra b'sistemi bħal dawn fil-jum tal-għoti ta' din is-sentenza.

4) **Ir-Repubblika Taljana hija kundannata għall-ispejjeż.**

Firem